**Dispożittiv**

*It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 22(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità, fil-verżjoni emendata u aġġornata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 118/97, tat-2 ta' Diċembru 1996, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 592/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-17 ta' Ġunju 2008, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-awtorizzazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 22(1)(ċ)(i) tal-istess regolament ma tistax tiġi rrifjutata meta jkun minħabba nuqqas ta' mediċini u ta' riżorsi mediċi bażiċi li l-kura fl-isptar inkwistjoni ma tistax tingħata fi żmien xieraq fl-Istat Membru ta' residenza tal-persuna assigurata. Din l-impossibbiltà għandha tiġi evalwata b'referenza għall-istabbilimenti ta' sptar kollha f'dan l-Istat Membru li jistgħu jipprovdu l-imsemmija kura u b'referenza għall-perijodu li fih din tal-aħħar tista' tinkiseb fi żmien xieraq.*

([1]) ĠU C 207, 20.07.2013

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tad-9 ta' Ottubru 2014 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Grondwettelijk Hof – il-Belġju) – Isabelle Gielen vs Ministerraad**

**(Kawża C-299/13)** ([1])

***(Tassazzjoni — Direttiva 2008/7/KE — Artikoli 5(2) u 6 — Taxxi indiretti fuq il-ġbir tal-kapital — Taxxa fuq il-konverżjoni ta' titoli ta' possessjoni f'titoli nominattivi jew f'titoli żmaterjalizzati)***

(2014/C 439/08)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Grondwettelijk Hof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Isabelle Gielen

*Konvenuta:* Ministerraad

**Dispożittiv**

*L-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/7/KE, tat-12 ta' Frar 2008, dwar it-taxxi indiretti fuq il-ġbir tal-kapital, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-ġbir ta' taxxa fuq il-konverżjoni ta' titoli ta' possessjoni f'titoli nominattivi jew f'titoli żmaterjalizzati, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Tali taxxa ma tistax tiġi ġġustifikata abbażi tal-Artikolu 6 tal-imsemmija direttiva.*

([1]) ĠU C 226, 03.08.2013